MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2766/1996/1

**Busietta Gardens Madliena Limited u Madliena Construction Limited**
**Vs**
**Amal Aluminium Works Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi s-socjeta' konvenuta kienet giet inkarigata mis-socjetajiet attrici biex taghmel xogholijiet ta' aperturi u "railings" tal-Aluminju fil-kumpless residenzjali maghruf bhala Busietta Gardens, fil-Madliena; u dan in bazi ta' stima ottenuta bil-quddiem u fuq bazi ta' xoghol u materjal ta' prima kwalita' u b'perijodu stabilit dwar kemm kellhom idumu ma jitlestew ix-xogholijiet;

U peress illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm ghamlet xoghol ta' aperturi et cetera fil-kumpless imsemmi, baqghet ma ghamiltx dak kollu miftiehem; mhux biss, izda kien hemm xoghol ta' aperturi f'certi kazi maghmul hazin, cioe' difettuzi jew mhux skond l-arti u s-sengha, u xoghol iehor importanti ta' railings li baqa pendenti…b'tali mod li lanqas ma gie rispettat iz-zmien limitu li kien miftiehem;

U peress li dan l-agir tas-socjeta' konvenuta kien kagun ta' diversi ilmenti minn naha tar-residenti, li kienu xtraw proprjetajiet taht il-patt li dawn l-appartamenti ikunu "advanced shell"…jigifieri – fost affarijiet ohra – li l-aperturi esterni tal-kmamar u r-railings tal-aluminju fit-terrazzini ikunu "in place" u inkluzi fil-prezz tal-bejgh;

U peress li minhabba f'hekk is-socjetajiet attrici soffrew danni konsiderevoli ghax kien hemm min harrikhom ghad-danni jew penalitajiet rizultanti u min qabad u biddel l-aperturi kompletament jew kwazi, permezz ta' kuntratturi ohra…u allura ppretendew tnaqqis fl-ammonti dovuti minnhom dwar bilanc ta' prezz u/jew dwar xogholijiet. Anke certu madum tat-terrazzini f'certi kazi kellu jerga jsir biex il-livelli u l-qbil jigu jaqblu mal-livelli li kienu ghazlu l-konvenuti bla ma ikkonsultaw sew mal-atturi.

U peress li s-socjeta' konvenuta mhux biss ma rrangatx u ma spiccatx ix-xogholijiet kollha b'wicc il-gid, jew irrimedjat ghad-difetti billi tnaqqas il-kont taghha, - izda anzi hadet azzjoni bil-Qorti kontra l-atturi ghal hlas ta' bilanc minnha pretiz, u qed tipprova tezegwixxi b'mandati is-Sentenza tas-17 ta' Gunju 1996 fil-kawza msemmija, cioe' Vincent Attard noe versus Adrian Busietta nomine (Citaz 954/95/GV): dwar liema kawza hemm talba pendenti ghal-ritrattazzjoni.

U peress illi l-atturi ghandhom dritt ghar-risarciment tad-danni minhabba l-agir irresponsabbli tal-konvenuti;

Tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, in bazi tal-provi producendi, tistima u tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet attrici solidalment bejniethom stante xogholijiet mhux kompletati u/jew mhux

skond l-arti u s-sengha, okkorendo b'opera ta' periti nominandi, u…prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta ghal dawk id-danni, tikkundannaha ghall-hlas tal-ammont hekk likwidati a favur l-atturi, bl-imghax relattiv mid-data tal-abbandun tas-sit koncernat – li jigi pruvat fit-trattazzjoni – u bl-ispejjes komprizi dawk tal-protest gudizzjarju u tal-mandati kawtelatorji 4490/96 u 4491/96 tad-9 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet Adrian Busietta noe vs Vincent Attard noe.

Il-konvenuti jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li biha fl-ewwel eccezzjoni eccepiet hekk:

Illi preliminarjament qed jigi eccipit illi l-mertu tac-citazzjoni fuq citata kien dija ezawrit minn din l-Onorabbli Qorti b'sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1996 li laqghet it-talba tas-socjeta' konvenuta (socjeta' attrici f'dik il-kawza) kontra s-socjetajiet attrici (socjetajiet konvenuti f'dik il-kawza) ghall-bilanc ta' erbatax-il elf , erba mija u sitt liri (Lm14,406) rapprezentanti xogholijiet ta' aluminju fil-kumpless maghruf bhala Busietta Gardens fil-Madliena, oltre l-imghax u l-ispejjez. (Citazzjoni Numru 954/95/(K) GV annessa).

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat li l-kawza giet differita ghad-data tallum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenuti ghad-danni allegatament sofferti minnhom "*stante xogholijiet mhux kompletati u/jew mhux skond l-arti u s-sengha*"; kif ukoll likwidazzjoni ta' dawn id-danni, previa dikjarazzjoni ta' responsabbilita' tal-konvenuti ghal dawn id-danni.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija bazata fuq il-principju ne bis in idem, stante li l-meritu tac-citazzjoni

odjerna jinsab deciz b' sentenza moghtija minn din il-Qorti u li ghaddiet in gudikat moghtija fis-17 ta' Gunju 19992 fl-ismijiet *"Vincent Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali* ***Amal Aluminium Works Ltd****. vs Adrian Busietta ghan-nom u in rapprezentanza tas-socejta' kummercjali* ***Busietta Gardens Madliena Ltd****. u* ***Madliena Construction Ltd****." [Citazz954/95 GV].*

F' dik il-kawza Amal Aluminium Works Ltd, allura attrici, talabet u ottjeniet il-kundanna tas-socjetajiet Busietta Gardens Madliena Ltd. u Madliena Construction Ltd. allura konvenuti, ghal hlas tas-somma ta' Lm14,406 dovuti lil ta' l-ewwel minn tal-ahhar, *"dovuta bhala bilanc ta' prezz akbar ghall-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u appalt".*

Din il-Qorti ezaminat l-atti ta' dik il-kawza li gew allegati mill-process odjern, u rrizulta li: [1] il-meritu ta' dik il-kawza kien proprju l-appalt u xiri ta' materjal, li wkoll jifformaw il-meritu tal-kawza odjerna; [2] inoltre, f' dik il-kawza giet sollevata l-eccezzjoni bazata fuq il-fatt allegat li *"ghad hemm diversi xogholijiet fl-imsemmi appalt li parti ma sarux skond is-sengha u l-arti, u in parte ghadhom lanqas biss saru avolja l-atturi gew mitluba jirrimedjaw."* Din l-eccezzjoni giet ikkunsidrata minn din il-Qorti fil-kawza premessa u f' dan ir-rigward fis-sentenza taghha ddecidiet *"Dwar it-tieni eccezzjoni jirrizulta li x-xoghol sar."* Anke it-tielet eccezzjoni kienet giet michuda. Din wkoll kienet bazata fuq il-premessa li x-xoghol ma sarx ghas-sodisfazzjoni tal-appaltant u li ma sarx kollu u ghalhekk skond huma s-socjeta' Amal Aluminium Ltd *"m' ghandhiex dritt ghall-ammont bilancjali pretiz, izda ammont inqas jehtieg jigi ghalhekk ridott …. Biex ikun gustament jirriflett ix-xoghol u materjal s' issa provdut." [Fol.31].*

In tema legali jigi osservat li sabiex tirnexxi l-*exceptio rei judicatae* jehtieg li jikkonkorru tlett elementi: *eadem personae, eadem res u eadem causa petendi*. Fi kliem iehor il-kawza li fiha tinghata l-eccezzjoni tal-gudikat tkun, b' referenza ghall-kawza l-ohra gia deciza, bejn l-istess persuni, l-istess oggett u l-istess kawzali.

Illi rigward l-element, l-*eadem personae*, dan jirrizulta manifestement sodisfatt. Di fatti mill-okkju ta' dik il-kawza jirrizulta car li l-partijiet f' dik il-kawza huma l-istess partijiet fil-kawza odjerna.

Illi rigward l-element tal-*eadem res* u tal-kawza petenti, jigi osservat li fil-kaz in disamina jirrizulta car li t-talbiet attrici huma diretti sabiex din il-Qorti terga' tisma' u tiddeciedi fuq meritu li jinsab gja trattat fil-kawza precitata u deciz fis-sentenza tas-17 ta' Gunju 1992. F' dik il-kawza gie sollevat *ope eccezonis* li x-xoghol ma kienx tlesta kollu u ma kienx maghmul skond is-sengha u l-arti. Dan il-punt gie deciz f' dik is-sentenza, u dan l-istess punt jifforma l-meritu tac-citazzjoni odjerna. Di fatti mit-talbiet attrici jirrizulta car li d-danni li qeghdin jippretendu l-atturi huma bazati fuq il-premessa li "xogholijiet mhux kompletati u/jew mhux skond l-arti u s-sengha" liema punt diga' gie deciz u michud kif fuq inghad. Il-punt kontrovers fiz-zewg kawzi huwa l-istess, ghalkemm it-talbiet jidhru differenti, u cioe' xoghol mhux finalizzat u xoghol mhux maghmul skond is-sena u l-arti.

Gie ritenut li *" hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-mertu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u ghalkemm, biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' ta' l-oggett, din l-identita' m' hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni eccezzjoni jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni" [Vol.XL.I.402].* Fil-kaz in disamina, dan japplika b' izjed qawwa stante li z-zewg kawzi gew provokati mill-istess fatti.

Illi z-zewg azzjonijiet huma bazati fuq l-istess fatt guridiku r-relazzjoni ta' appalt ezistenti bejn il-kontendenti, u l-ilment tas-socjeta' appaltanti rigward ix-xoghol mhux maghmul u dak maghmul mhux skond is-sengha u l-art.

Gie ritenut li *"Per decidere se vi sia cosa giudicata, in quanto so controverte se una seconda domanda abbia carattere di novita' o piuttosto presenti identita' della*

*causa petendi, gia sperimentata in altre precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o nome dell' azione, nonche' alla legge invocata, ma altresi al diritto conteso, all' intento ed al fine che la parte si propone di conseguire." [Camilleri vs Pace [1951]* citata fil-kawza ***Edward Busuttil vs Direttur tar-Registru Pubbliku [1984][Vol.LXVIII]***

In vista tal-premess l-eccezzjoni tar-res judicata hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------